# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 21 ta' Dicembru, 2001 .**

**Avviz numru : 22/2001GT(GM)**

Anthony Aquilina ,
Gasan Mamo Insurance Agency Limited bhala agenta f'Malta ta' CGU Insurance .

**vs**

Tonio Schembri .

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' LM41 sofferti mill-kumpannija assikuratrici Gasan Mamo Insurance Agency Limited u LM62 sofferti minn Anthony Aquilina konsegwenza ta' incident awtomobilistiku tad-9 ta' Settembru 1999 fi Triq ir-Repubblika Victoria, Ghawdex bejn il-vettura JAR 803 misjuqa mill-konvenut u l-vettura LCK 297 proprjeta' tal-attur, u ta' liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta' Dicembru 1999 u dik ufficcjali ipprezentata kontestwalment;

Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenut eccepixxa :

(1) li huwa mhux responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza; u
(2) Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub li jithallas mill-konvenut huwa esagerat billi l-hsara sofferta fil-vettura tal-attur kienet ta' natura zghira hafna, ta' valur it-tiswija

taghha ta’ hafna u hafna inqas mill-ammont pretiz, u dan kif ser jigi ppruvat dettaljatament fil-kros tal-kawza ;

(3) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Sema’ l-provi u ra d-dokumenti esibiti .

Ikkunsidra ;

Illi fis-seduta tad-19 t’Ottubru 2001 il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu u ghalhekk jonqos biss li jigu kkwantifikati d-danni ;

Illi jirrizulta li d-danni sofferti kienu s-segwenti :

| | | |
|---|---|---|
| | | LM. |
| Riparazzjonijiet fil-bieba | spray | 30 + |
| | Labour | 10 |
| | Signwriting | 40 |
| Kiri ta’ karozza ghal jumejn | | 12 |
| Kopja tar-road accident report | | 3 |
| Total | | 95 |

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ LM95 lill-atturi bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta’ Dicembru 1999 u dik ufficcjali ipprezentata kontestwalment mal-avviz tat-talba .

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Deputat Registratur .
S2201GT(gm)
313